# ŻEWĠ GĦIDIEN*

Il-qieraħ ta' Jannar. Għodwa xitwija:
sema msaħħab, mudlam; toroq nidjin;
iż-żiffa kiesħa u ftit tal-bard. L-Imdina
minn l-irħula u mill-bliet in-nies ġejjin.

L-għid ta' San Pawl! Bħad-daqq ħelu ta' l-Anġli
l-ilħna tal-qniepen għaddejjin fis-sħab.
Qalbek toħla bil-ferħ: tħoss donnu x'jiġbdek,
tħoss donnu xi jgħollik il-fuq mit-trab.

L-hena tas-saħħa fuq l-uċuh. Kull ħliqa
għandha f'għajnejha d-dawl u f'qalbha s-sliem.
Donnu ferħan kulħadd: u kulħadd donnu
jurik illi da' l-jum l-isbaħ mill-jiem.

— —

* Din il-poeżija ktibtha wara l-ġrajja li magħha kont iltqajt. Meta konna sejrin il-Katidral u rajt lil dak l-imsejken, ħassni ħażin.

Dik il-ħmura tan-nar bejn sema w ilma
illum mhix hemm: serquha r-rġiel u t-tfal;
serquha l-qlub safjin ta' wlied di'l-Gżira
illi bihom maħnuq il-Katidral.

Ħajja ġdida tassew! Il-għid tal-ħajja!
Ix-xitwa fis-smewwiet rebbiegħa fl-art!
Maltin, thennw illum bil-għid ta' Pawlu.
Xerrdu ma' kullimkien weraq u ward.

* * *

Bil-maqgħad tal-bellus, għanja, l-ġmiel tagħha
ġejja karozza ssuq minn dawk iż-żgħar.
Għall-għid jewwilla ta' San Pawl? għall-festa?
Le. Din tieqaf bil-mod quddiem l-Isptar.

Tieqaf; u, mwieżen u megħjun minn ieħor,
jixref minnha u riġlejh imidd fit-triq
sfajjar sfajjar, mixrub, għajnejh fil-ħofra
żagħżugħ kollu mikul mid-deni rqiq.

Dehra ta' qsim-il-qalb u ġġib il-biki,
qalb ta' poëta ma tiflaħx għalik!
Ħallini nerġa' għad-dar u ninsa l-bqija.
Ħallini mmut ġe' fija mħabba fik.

Żagħżugħ tiegħi, żagħżugħ, żagħżugħ ta' qalbi,
jirnexxili mill-ġdid narak minn hemm
ħiereġ qawwi u sħiħ? Ikun xi darba
li nerġa' narak ħaj qabel nintemm?

Dehra ta' qsim-il-qalb u ġġib il-biki,
Għid ieħor naqra fik u nħoss il-lum:
il-Għid tal-mard u l-mewt ta' qalb żagħżugħa
li qatt għal ħajja ġdida iżjed ma tqum!

Fil-Għid ta' l-Imwiet, 1935.

KARMENU VASSALLO